**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**GURISDIZZJONI SUPERJURI - SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. JUR.**

Citazzjoni Numru. 134/1999/1 MV

Eugenia mart Carmelo Buttigieg; U l-istess Carmelo Buttigieg, tant f'ismu proprju għal kull interess li jista' jkollu kif ukoll bħala mandatarju ta' l-imsiefra Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg

vs

Joseph Xuereb; Maria mart Joseph Borg; Loreta mart Ganni Azzopardi; David Xuereb; Nazzareno Xuereb; u Dr. Aaron Attard Hili li b'digriet tat-22 ta' Settembru 1999 ġie nominat kuratur deputat u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2005 Dr Aaron Attard Hili ġie sostitwit b'Dr Mario Scerri sabiex jirrapreżenta lill-imsiefer Stiefnu Xuereb.

Illum 10 t'April 2025

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

*Illi Lorenza Xuereb, ġia iben Rosario u Rose nee' Galea, miet f'Victoria, Għawdex, fis-sitta (6) ta' Lulju elf disa mija sebgħa u tmenin (1987)' mentri Carmela Xuereb, ġia armla ta' l-imsemmi Lorenzo Xuereb bint Loreto Azzopardi u Filomena nee' Cascun, mietet f'Għajnsielem, Għawdex, fid-dsatax (19) ta' Frar elf disa mija disgħa u disgħin (1999);*

*Illi lil dawn issopravivewhom it-tmien uliedhom, ċjoe' l-kontendenti kollha;*

*Illi l-konjuġi Xuereb irregolaw is-suċċessjoni tagħhom tagħhom bis-saħħa ta' żewġ testmenti unica charta l-ewwel wieħed riċevut min-Nutar Dottor Ġiuseppi Cauchi fil-ħmistax (15) ta' Novembru elf disa mija wieħed u sebgħin (1971), u l-ieħor min-Nutar Michael Refalo fit-tnejn (2) ta' Ġunju elf dia mija sebgħa u tmenin (1987); mentri in segwitu għall-mewt ta' żewġha Carmela Xuereb irredeġiet testment ieħor fl-atti tal-istess Nutar Michael Refalo fl-erbatax (14) ta' Mejju elf disa mija wieħed u disgħin (1991);*

*Illi skond dawn it-testmenti Lorenzo Xuereb ħalla b'titolu ta' prelegat lil bintu Filomena sehemu mid-dar 'Xuereb House', Garden Street, Għajnsielem bl-oġġetti mobbli a limine intus; mentri sehemha mill-istess dar, Carmela Xuereb ħallietu ukoll b'titolu ta' prelegat lil Eugenia Buttigieg;*

*Illi inoltre Lorenzo Xuereb ħalla b'titolu ta' prelegat lit-tlett uliedu David, Eugenia u Stephen fi kwoti ugwali bejniethom id-dar qadima*

*numru wieħed u erbgħin (41) Garden Street, Għajnsielem, u l-biċċa art f'Garden Street, Għajnsielem tal-kejl ta' ċirka tlett mija u ħamsa u tmenin metri kwadri (385m.k.) mentri sehemha mill-istess immobbli, Carmela Xuereb ħallietu ukoll b'titolu ta' prelegat lit-tlett uliedha Filomena, David u Stephen;*

*Illi effettivament il-prelegatarji kollha ġia jinsabu fil-pussess tal-immobbli prelegat lilhom, iżda sal-lum qatt ma sar kuntratt formali ta' immissjoni fil-pussess;*

*Illi imbagħad, it-testaturi innominaw eredi universali tagħhom fi kwoti ugwali bejniethom lit-tmien uliedhom, il-kontendenti;*

*Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu elf dia mija ħamsa u sittin (1965), il-ġenituri konjuġi Xuereb kien assenjaw b'titolu ta' donazzjoni propter nuptias (dota) li binthom Loreta Azzopardi sit fabbrikabbli magħruf bħala 'Ta' Għajnsielem', fi Triq Giardina, Għajnsielem, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka siegħ u sebgħa kejliet, tmiss tramuntana mat-triq, punent ma' beni ta' l-istess Lorenzo Xuereb u nofsinhar ma' beni ta' Michaelangelo Zerafa, fuq liema art illum hemm mibnija id-dar 'Lorjon', Triq il-Ġnien, Għajnsielem; eżentata mill-kollazzjoni ta' l-immobbli donat lilha, u kif jidher mill-atti tal-kawża 'Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et', Ċitaz. Nru. 87/99, pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti hija aċċettat il-wirt tal-ġenituri tagħha, b'mod illi issa iddekadiet mill-fakolta' illi tirrinunzja għal dan il-wirt u iżżomm biss dan l-immobbli; bil-konsegwenza illi dan l-immobbli għandu jiġi kollazzjonat fid-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tal-kontendenti.*

*Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:*

*1. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Lorenzo u Carmela Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, inkluż il-kollazzjoni ili għandha ssir minn Loreta Azzopardi ta' l-immobbli donat lilha bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil fuq ċitat;*

*2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali ili jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Lorenzo Xuereb u lill-assi partikolari ta' Carmela Xuereb;*

*3. Tillikwida l-beni partikolari ta' Lorenzo Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati ordnat minn Lorenzo Xuereb kif fuq indikat, għal kull bwon fini;*

*5. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Lorenzo Xuereb fi tmien prozjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Eugenia Buttigieg, Filomena Buttigieg, Joseph Xuereb, Maria Borg, Loreta Azzopardi, Nazzareno Xuereb, Stephen Xuereb, u David Xuereb;*

*6. Tillikwida l-beni partikolari ta' Carmela Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*7. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati ordnat minn Lorenzo Xuereb kif fuq indikat, għal kull bwon fini;*

*8. Tiddividi l-beni rimanenti fl-assi ereditarji ta' Lorenzo Xuereb fi tmien prozjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Eugenia Buttigieg, Filomena Buttigieg, Joseph Xuereb, Maria Borg, Loreta Azzpardi, Nazzareno Xuereb, Stephen Xuereb, u David Xuereb;*

*9. Taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;*

*10. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni m'humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha min issa intom inġunti.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Ċarmelo Buttigieg.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut **David Xuereb** li biha eċċepixxa:

*1. Illi huwa ma jopponix u qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi, salv ili jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u salv illi jiġu verifikati l-kwoti spettanti lil kull wieħed mill-kontendenti; u kwindi ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjes ta' din il-kawża;*

*2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament teżisti konfużjoni fit-talbiet stante illi hemm diversi talbiet illi huma ripetuti, b'mod illi ma hux ċar jekk id-diviżjoni li qed tintalab tikkonċernax biss il-wirt ta' Lorenzo Xuereb biss, jew il-wirt ta' Carmela Xuereb ukoll.*
2. *Illi minħabba l-mod kif jidhru t-talbiet il-konvenuti eċċepjenti ser ikollhom jillimitaw ruħhom biss għad-diviżjoni tal-wirt ta' Lorenzo Xuereb, u fir-rigward tal-wirt ta' Carmela Xuereb qed minn issa jirriservaw illi jirregolaw rwieħom permezz ta' nota ta'*

*eċċezzjonijiet ulterjuri l-quddiem skond il-każ; kemm il-darba jirriżulta illi qed tintalab ukoll id-diviżjoni ta' l-eredita ta' Carmela Xuereb;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment, irid jiġi pruvat illi d-denunzji tas-suċċessjoni ta' dawk li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni ġew debitament preżentati, u l-immobbli li tiegħu qed tintalab id-diviżjoni huwa debitament notat f'dawk id-denunzji;*

4. *Illi l-eċċipjenti ma jopponux għad-diviżjonijiet mitluba salv illi tiġi pruvata l-konsistenza ta' l-assi ereditarji u salvi l-eċċezzjonijiet mogħtija wara din;*

5. *Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment trid tiġi deċiża kawża oħra fl-ismijiet Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et noe (Ċitz. Numru 87/99) liema kawża l-eċċepjenti preżenti qed jagħmlu sabiex nofs indiviż ta' dar fi Triq il-Ġiardina Għajnsielem, preċiżament magħrufa bħala Xuereb House, tinġieb fil-massa ereditarja, u qabel ma jiġi deċiż jekk il-proprjeta' għandhiex tingaba fil-massa ereditarja, jew oltre din il-kawża ma tistax tiġi deċiża;*

6. *Illi l-atturi u l-konvenuti l-oħra jridu qabel xejn jikkollezzjonaw l-oġġetti mobbli, inklużi dehebijiet u ħaġar prezzjuz, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma rċevew b'donazzjonijiet minn għand il-ġenituri tagħhom;*

7. *Illi l-kawża fuq imsemmija mhux veru timplika illi l-eċċepjenti bil-fors aċċettaw il-wirt ta' Carmela Xuereb stante li dik tikkonċerna biss il-massa eredeitarja ta' Lorenzo Xuereb;*

8. *Illi l-legat mħolli minn Lorenzo Xuereb lil Filomena Buttigieg ma jistax jiġi onorat, stante illi l-istess Filomena Buttigieg ma onoratx il-kondizzjonijiet u pattijiet imposti fuqha sabiex tieħu dan il-legat. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut **Nazzareno Xuereb** li biha eċċepixxa:

*1. Illi huwa ma jopponix u qatt ma oppona d-diviżjoni mitluba mill-atturi, salv ili jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u salv illi jiġu verifikati l-kwoti spettanti lil kull wieħed millkontendenti; u kwindi ma għandu jħallas ebda parti millispejjes ta' din il-kawża;*

*2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine l-avukat dottor **Aaron Attard Hili nominat sabiex jirrapresenta lill-imsiefer Stiefnu Xuereb**, li eċċepixxa:

*1. Illi l-esponenti ma hux adott mill-fatti kif esposti fl-atti taċ-ċitazzjoni odjerna;*

*2. Illi l-esponenti kkomunika mal-qraba ta' l-imsiefer Stiefnu Xuereb pero' dawn irrifjutaw li jgħaddulu l-indirizz esteru ta' l-istess Stiefnu Xuereb;*

*3. Illi għaldaqstant l-esponenti jirriserva li jressaq leċċezzjonjiet opportuni fi stadju opportun.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta **Loreta mart Ġanni Azzopardi** li eċċepiet:

1. *Illi dina ċ-ċitazzjoni hija nulla u dana peress illi l-istess m'hijiex kontro firmata mill-Maġistrat kif titlob il-liġi;*

2. *Illi mingħajr ebda preġudizzju, għal premess, hija ma topponix ruħha għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Lorenzo u Carmela Xuereb bil-kundizzjonijiet li qabel xejn jiġu vverifikat il-kwoti rispettivi tal-partijiet;*
3. *Illi pero' hija qatt ma tista' taqbel ma dak li hemm sottomess fil-paragrafu numru tmienja (8) tad-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni u dana peress illi fl-ewwel lok hija qatt ma kienet tat il-kunsens tagħħha biex issir iċċitazzjoni fl-ismijiet "Joseph Xuereb*

*et vs Eugenia Buttigieg et" (Ċitaz numru: 87/99) u fil-fatt meta hija saret taf biċ-ċitazzjoni u bil-kontenut tagħha hija kienet pronta u ċediet l-istess kawża in kwantu jolqot l-interessi tagħha proprio u fit-tieni lok, anki kieku għal grazzja tal-argument wieħed kellhu jammetti ili dak li hemm indikat fid-dikjarazzjoni tal-atturi huwa korrett, b'daqshekk ma jfissirx illi l-esponenti irrinunzjat għal fakolta' illi żżomm l-immobbli lilha donat u tirrinunzja għal dan il-wirt;*

4. *Illi fir-realta', sa' llum, l-esponenti ma tafx x'inhu l-konsistenza tal-assi u għaldaqstant qegħda tirriserva li tagħżel, fil-mument opportun, jekk iżżommx l-immobbli lilha donat, u/jew tirrinunzjax għal wiert u dana meta tkun f'posizzjoni li tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti **Maria mart Joseph Borg u ta' Loreta mart Ganni Azzopardi** li eċċepew:

1. *Illi l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 1823 tal-Kodiċi Ċivili.*
2. *Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Maria Borg.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta **Loreta mart Ġanni Azzopardi** li eċċepiet:

1. *Illi preliminjarjament l-azzjoni odjerna sabiex tiġi kollezzjonata proprjeta mogħtija lilha b'dota tinsab preskritta a tenur tal-artikolu 1823 tal-Kodiċi Ċivili.*

2. *Illi preliminarjament tezisti konfuzjoni fit-talbiet stante illi hemm diversi talbiet li huma ripetuti, b'mod illi mhux ċar jekk id-divizjoni li qed tintalab tikkonċernax biss il-wirt ta' Lorenzo Xuereb biss, jew il-wirt ta' Carmela Xuereb ukoll. Illi minħabba l-mod kif jidhru t-talbiet, il-konvenuti eċċepjenti ser ikollhom jillimitaw rwieħhom biss għad-divizjoni tal-wirt ta' Lorenzo Xuereb u fir-rigward tal-wirt ta' Carmela Xuereb qed minn issa jirriservaw illi jirregolaw rwieħhom permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri il-quddiem skond il-kaz, kemm-il darba jirrizulta illi qed tintalab ukoll id-divizjoni tal-eredita ta' Carmela Xuereb.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju l-eċċipjenti sa' issa għadha ma aċċettatx l-eredita ta' Carmela Xuereb u għalhekk kwantu din il-kawza tirrigwarda l-wirt tagħha hi intempestiva.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess qabel ma din il-kawza timxi ulterjorment, irid jiġi ppruvat li d-denunzji tas-suċċessjoni ta' dawk li tagħhom qed tintalab id-divizjoni ġew debitament ipprezentati, u l-immobbli li tiegħu qed tintalab id-divizjoni ġie debitament notat f'dawk id-denunzji.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-eċċipjenti ma jopponux għad-divizjonijiet mitluba salv illi tiġi ippruvata l-konsistenza tal-assi ereditarji u salv eċċezzjonijiet mogħtija wara din.*

6. *Illi qabel ma' din il-kawza timxi ulterjorment, trid tiġi deċiza kawza oħra fl-ismijiet Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et nomine (Citaz numru 87/1999) liema kawza l-eċċepjenti prezenti qed jagħmlu sabiex nofs indiviz ta' dar fi Triq il-Giardina Għajnsielem preċizament magħrufa bħala Xuereb House, tinġieb fil-massa ereditarja, u qabel ma jiġi deċiz jekk din il-proprjeta għandhiex tinġieb fil-massa ereditarja, jew oltre din il-kawza ma tistax tiġi deċiza.*

7. *Illi l-atturi u l-konvenuti l-oħra jridu qabel xejn jikkollezzjonaw l-oġġetti mobbli, inkluzi d-dehebijiet u ħaġar prezzjuz, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma irċevew b'donazzjoni mingħand il-ġenituri tagħhom.*

8. *Illi l-kawza fuq imsemmija mhux vera timplika illi l-eċċipjenti bilfors aċċettaw il-wirt ta' Carmela Xuereb stante li dik tikkonċerna biss il-massa ereditarja ta' Lorenzo Xuereb.*

9. *Illi l-legat imħolli minn Lorenzo Xuereb lil Filomena Buttigieg ma jistax jiġi onorat stante illi l-istess Filomena Buttigieg ma onoratx il-kondizzjonijiet u l-pattijiet imposti fuqha sabiex tieħu dan il-legat.*

*Salv eċċezzjoniiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat il-verbal datat 2 ta' Marzu 2020 fejn il-Qorti tat terminu lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom dwar l-

ewwel eċċezzjoni preliminari imqajjma mill-konvenuta Loreta Azzopardi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat 25 ta’ Settembru 2001 fejn ammettiet in-nota ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Loreta mart Ganni Azzopardi.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-atturi u tal-konvenuti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari imqajjma mill-konvenuta Loreta Azzopardi.

Rat illi l-atturi ippreżentaw nota datata 16 ta’ Lulju 2002 li jindikaw il-beni in diviżjoni u l-kwoti spettanti lill-partijiet.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta’ Jannar 2014 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza *in parte* dwar il-kwistjoni ta’ kif irid jiġi stabilit il-valur tal-proprjeta’ li għandha tiġi kollazzjonata fil-wirt.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-atturi u tal-konvenuta Loreta Azzopardi.

Rat in-**nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Joseph Xuereb u Maria Borg** kif debitament awtorizzata in forza tad-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta’ Mejju 2005, fejn eccepew:

1. *Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment, irid jiġi pruvat illi d-denunzji tas-suċċessjoni ta' dawk li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni ġew debitament preżentati, u l-*immobbli *li tiegħu qed tintalab id-diviżjoni huwa debitament notat f'dawk id-*denunzji*;*

2. *Illi l-eċċipjenti ma jopponux għad-diviżjonijiet mitluba salv illi tiġi pruvata l-konsistenza ta' l-*assi ereditarji *u salvi l-eċċezzjonijiet mogħtija wara din;*

3. *Illi qabel ma din il-kawża timxi ulterjorment trid tiġi deċiża kawża oħra fl-*ismijiet *Joseph Xuereb et. vs Eugenia Buttigieg et nomine (Ċitaz numru 87/1999) liema kawża l-eċċipjenti preżenti qed jagħmlu sabiex nofs indiviż ta' dar fi Triq il-Giardina Għajnsielem, preċiżament magħrufa bħala Xuereb House, tinġieb fil-*massa ereditarja*, u qabel ma jiġi deċiż jekk din il-proprjeta' għandhiex tinġab fil-*massa ereditarja, *jew* oltre *l-kawża ma tistax tiġi deċiza;*

4. *Illi l-*partijiet *l-oħra jridu qabel xejn jikkollezzjonaw l-oġġetti mobbli, nklużi dehebijiet u ħaġar prezzjuż, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma rċevew b'donazzjoni minn għand il-ġenituri tagħhom;*

5. *Illi barra minn hekk meta skont it-testmenti ta' l-*imsemmija *Carmela Xuereb il-partijiet huma nominati bħala eredi indaqs u ugwalment bejniethom il-partijiet li lilhom ġew preċipitati xi legali fosthom l-attriċi Eugenia Buttigieg u xi konvenuti oħra, iridu jħallsu lekwiprarazzjoni skont il-liġi biex tassew l-eredi jkunu ħadu indaqs u qasmu ugwalment bejniethom. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb

Rat in-nota tal-atturi datata 30 ta' Mejju 2007 li biha esebew kopja tad-dikjarazzjoni kawża mortis tas-6 ta' Frar 2007[1].

Rat in-nota tal-atturi li biha ippreżentaw kopja tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 2 ta' Lulju 2010.

Rat li inħatar il-Perit Tekniku AIC Valerio Schembri biex jistabbilixxi l-valur tal-post meta infetħet is-suċċessjoni li ippreżenta r-rapport tiegħu.

Rat illi nhar it-18 ta' Frar, 2014 ingħatat sentenza parzjali mill-Qorti diversament preseduta dwar il-kwistjoni ta' kif għandha tiġi komputata l-kollazzjoni, fejn ġie deċiż hekk:-

*Għaldaqstant tiddeċidi billi tiddikjara li għall-fini tal-kollazzjoni li trid issir tal-proprjeta' donata lill-konvenuta Loreta Azzopardi mill-ġenituri tagħha fl-okkazzjoni taż-żwieġ tagħha, għandu jiġi stabbilit il-valur attwali ta' din il-proprjeta', bħala "l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni", kif kienet tistipula l-liġi meta seħħew is-suċċessjonijiet li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni permezz ta' din il-kawża.*

Rat illi l-perit tekniku ippreżenta r-relazzjoni tiegħu.

[1] Folio 132

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri datata 19 ta' Ottubru 2015 tal-**konvenuta Loreta Azzopardi** li biha eċċcepiet il-preskrizzjoni a bażi tal-artikolu 845 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri datata 15 ta' April 2016 tal-**konvenuta Loreta Azzopardi** li biha eċċepiet il-preskrizzjoni a bażi tal-artikoli 2140 u 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fil-25 ta' April 2017 il-kawza tħalliet għas-sentenza *in parte* dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fejn ġie deċiż hekk:

*Għaldaqstant tiddeċidi dwar dawn l-eċċezzjonijiet ta' Loreta Azzopardi billi tiċħadhom, bl-ispejjeż relattivi jkunu a karigu tagħha*.

Rat illi sar appell minn din is-sentenza mill-konvenuta Loreta Azzopardi. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Settembru 2019 fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet hekk: *Tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża.*

Rat l-atti kollha.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[2].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[2] Verbal datat 16 ta' Lulju 2020 Folio 673

**Ikkunsidrat:**

**Il-fatti fil-qosor.**

Il-fatti relevanti huma dawn: il-ġenituri tal-partijiet, il-konjuġi Lorenzo u Carmela Xuereb, mietu fis-6 ta' Lulju 1987 u fid-19 ta' Frar 1999 rispettivament. Huma rregolaw il-wirt tagħhom b'żewġ testmenti *unica charta*: l-ewwel wieħed tal-15 ta' Novembru 1971 fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi u t-tieni wieħed tat-2 ta' Ġunju 1987 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo. Wara l-mewt ta' żewġha, Carmela Xuereb għamlet testment ieħor fl-atti tal-istess Nutar Michael Refalo fl-14 ta' Mejju 1991. Matul ħajjithom, fit-31 ta' Awissu 1965, il-ġenituri konjugi Xuereb kienu assenjaw b'titolu ta' donazzjoni *propter nuptias* lil binthom il-konvenuta Loreta Azzopardi sit fabbrikabbli f'Għajnsielem, Għawdex. Il-konvenuta u żewġha kienu sussegwentament bnew fuq din l-art id-dar fejn joqogħdu. Peress li l-ġenituri ma kinux eżentaw lill-konvenuta Loreta Azzopardi mill-obbligu tal-kollazzjoni tal-proprjetà mogħtija lilha b'donazzjoni, la fil-kuntratt ta' donazzjoni stess, la fit-testmenti u lanqas f'xi att pubbliku ieħor, l-atturi fetħu l-kawża ta' llum.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi.**

Illi **Eugenia Buttigieg** xehdet bl-affidavit[3], illi l-partijiet f'din il-kawza huma tmien ahwa. Spjegat li l-ġenituri tagħha għamlu żewġ testmenti *unica carta*, u li ommha għamlet testment sussegwenti għall-mewt ta' missierha. Bit-testmenti *unica carta,* il-ġenituri tagħha kienu ħallew lil oħtha Filomena id-dar Xuereb House Għajnsielem b'garage magħha u bil-mobbli kollha bil-patt li din tibqa tirrendilhom serviġi. Permezz ta' dan it-testment ħallew ukoll lil uliedhom David, Eugenia u Stephen fi

[3] Folio 88

kwoti ugwali bejniethom id-dar 41 Garden Street Għajnsielem u biċċa art f'Garden Street Għajnsielem ta' tliet mija ħamsa u tmenin metri kwadri. Iddikjaraw ukoll li huma kienu diġa ikkumpensaw lil ħutha l-oħra Joseph, Maria mart Joseph Borg u Nazzareno aħwa Xuereb billi matul ħajjithom ittrasferewlhom b'titolu oneruz pero bi prezz vantaġġjuz ħafna xi proprjeta immobbli.

Bit-testment sussegwenti ta' ommha ikkonfermat iz-zewġ testmenti preċedenti izda iddisponiet illi minflok is-sehem tagħha tad-dar Xuereb House b'garage magħha f'Garden Street Għajnsielem bl-oġġetti mobbli kollha ħalliethom lilha. Rigward it-tieni testament unica carta fejn dan jirrigwarda il-proprjeta f'Garden Street Għajnsielem u biċċa art ta' tliet mija ħamsa u tmenin metri kwadri hija riedet li sehem flok tagħtih lilha tagħtih lil Filomena.

Fil-31 ta' Awwissu, 1965, il-ġenituri tagħha taw b'donazzjoni lill-oħtha Loreta biċċa art fabbrikabbli magħrufa bħala t'Għajnsielem f'Garden Street ta' kejl ta' ċirka siegħ u sebgħa kejliet. Fuq din l-art illum hemm mibnija id-dar fejn joqogħdu John u Loreta Azzopardi. Permezz ta' kuntratt ta' permute tal-14 ta' Mejju 1991, kienu dehru hija u ommha, ommha dehret ukoll għan-nom ta' Filomena. Hija ħadet is-sehem ta' oħtha – li kienet wirtet mingħand missierha – li jiġi nofs indiviz jew aħjar id-drittijiet kollha illi hija għandha mill-fond f'Għajnsielem Garden Street bla numru jismu Xuereb House u fl-istess ħin l-attriċi tat lill Filomena sehemha li kienet wirtet mingħand missierha mill-41 Garden Street, Għajnsielem u biċċa art f'Garden Street ta' tliet mija ħamsa u tmenin metri kwadri. Oħtha Filomena baqgħet iddur ma' missierha sal-mewt, u wara li izzewwġet hija siefret lejn l-Awstralja.

Imbagħad tixhed li hi bdiet iddur b'ommha hija sakemm ma hija mietet. Tixhed ukoll li kien għalhekk illi ommha dawwret sehemha mill-post Xuereb House, Garden Street, Għajnsielem fuqha u oħtha Filomena ikkuntentat li dan idur fuqha.

Tgħid illi meta ommha dehret fuq il-kuntratt li bih hija akkwistat is-sehem illi Filomena kienet wirtet mingħand missierha mid-dar Xuereb House hija kienet konxja tal-fatt illi Filomena ma setgħetx tibqa' iddur biha, u hija kienet qiedgħa teżenta lil Filomena mill-obbligu ta' serviġi. Ommha ittrasferitilha is-sehem illi Filomena kienet wirtet mingħand missierha u peress illi Filomena kienet daret b'missierhom sal-mewt, hija kienet issodisfat dak l-obbligu impost fuqha għal dak li jirrigwarda sehem il-missier. Finalment tgħid li ġod dar meta mietet ommha kien hemm żewġt ikmamar tas-sodda antiki u bank tal-kċina. Il-bqija tal-oġġetti xtrathom hija minn flusha. Bil-flus li kien hemm fid-dar għamlu l-funeral. Rigward il-*boat house* ta' Għajnsielem tgħid li dik hija mibnija fuq art tal-gvern u ċ-ċwievet qegħdin għandha. Rigward il-qabar tgħid li ommha kienet tgħid li fuqha midfunin ma riditx lill-uliedha li ma kenux ikellmuha.

Illi **Marija Borg** xehdet bl-affidavit[4], apparti li terġa' tispjega dwar it-testmenti li għamlu l-ġenituri tagħha, tgħid li wara li miet il-missier, Filomena siefret u ma qagħditx iddur b'ommha skond kif kienet obbligata tagħmel. Tgħid li sabiex tibbenefika mit-testment hija kellha tibqa ddur bis-superstiti fost il-ġenituri. Kienet Eugenia illi bdiet iddur b'ommha. Tgħid li peress Filomena telqet minn Malta bla ma daret b'ommha hija skont hija, hija qatt ma ibbenefikat mil-legat tal-missier li kien jirrigwarda in-nofs indiviz minn dak il-fond u garaxx Xuereb

[4] Folio 99

House, Triq il-Ġnien, Għajnsielem. Ommha għamlet testment ieħor fejn irrevokat dak il-legat rimuneratorju u ħallietu lil Eugenia li bdiet iddur biha. Lil Filomenta ħallietilha legat flimkien ma' żewġt ħutha l-oħra. L-omm kienet tati lil Filomena għoxrin lira Maltin fix-xahar talli din kienet iddur biha. Tgħid li ma kenitx taf mill-bidu bil-kuntratt ta' permuta li sar bejn Filomena u Eugenia. Tgħid li Filomena qatt ma setgħet tagħmel dak il-kuntratt peress li hija qatt ma wirtet sehem missierha minn dak il-fond u dan peress li hija ma onoratx il-kondizzjoni li ddur bil-missier. Għalhekk tgħid li dak in-nofs indiviz tal-missier jispetta lill-werrieta kollha tal-missier kif nominati fit-testment tiegħu. Tgħid li l-beni li hemm għall-qasma bejn l-aħwa huma qabar, boathouse, deheb u flus.

Illi **Joseph Xuereb** xehed bl-affidavit[5], li essenzjalment jirrepeti l-affidavit ta' **Marija Borg**[6].

Illi **Loreta Azzopardi** xehdet bl-affidavit[7], li spjegat li d-dar Lorjon fi Triq Gnien, Għajnsielem kienet fil-pussess reali tagħha u ta' żewġha matul l-għaxar snin mill-ftuħ tal-eredita ta' Lorenzo Xuereb b'mod esklussiv u interrott. Tgħid li din kienet l-unika proprjetà essenzjalment inkluża fil-wirt ta' missierha. Tgħid li b'kuntratt tal-31 ta' Awwissu 1965, il-ġenituri tagħha għaddewlha b'titolu ta' donazzjoni – dota – is-sit li fuqha hija u żewġha bnew id-dar tar-residenza tagħhom.

[5] Folio 104
[6] Folio 99
[7] Folio 300

Illi **Ganni Azzopardi** xehed bl-affidavit[8], li essenzjalment jirrepeti l-affidavit ta' **Loreta Azzopardi**[9]**.**

Illi **Phyllis Portelli** xehdet bl-affidavit[10], li essenzjalment tirrepeti l-affidavit ta' **Loreta Azzopardi**[11], u ta' **Ganni Azzopardi**[12].

Illi **Theresa Zerafa** xehdet bl-affidavit[13], li tixhed li hija minn dejjem tiftakar lil Loreta tgħix fid-dar Triq il-Ġnien Għajnsielem.

Illi **Josephine Buttigieg** xehdet bl-affidavit[14], illi essenzjalment tirrepeti dak li xehdet **Theresa Zerafa** [15].

Illi xehed **Carmel Bajada**[16], in rappreżentanza tal-ARMS.

Illi **Maria Xuereb** xehdet bl-affidavit[17], illi hija minn dejjem tiftakar lid-dar Lorjon fi Triq il-Ġnien Għajnsielem Għawdex dejjem kienet fil-pussess reali ta' Loretta u Ganni Azzopardi, kif ukoll tiftakar lil ommha tgħid li hija ser tiddona dik il-biċċa art lil Loreta.

---

[8] Folio 304
[9] Folio 300
[10] Folio 305
[11] Folio 300
[12] Folio 304
[13] Folio 322
[14] Folio 323
[15] Folio 322
[16] Folio 324
[17] Folio 413

Illi **Mary Galea** xehdet bl-affidavit[18], u essenzjalment irrepetiet dak li xehdet **Maria Xuereb**[19]

Illi xehdet **Loreta Azzopardi** in kontro eżami[20], illi hija daħlet ġol art fejn hemm mibnija d-dar fejn toqgħod hija wara li missierha għaddiehilha b'dota. Xehdet li din l-art ingħatat lilha qabel ma iżżewwġet.

Illi xehed **John Azzopardi** in kontro eżami[21], li l-post huwa tagħhom b'dota. Jixhed li għamlu kuntratt ma' tnejn minn ħut il-mara, u ċioe Guzeppi u Maria Borg u tawhom xi flus.

Illi xehdet **Teresa Zerafa** in kontro eżami[22], illi l-post fejn toqgħod Loreta tatulha ommha b'dota.

Illi xehdet **Josephine Buttigieg** in kontro eżami[23] tgħid li hija tiftakar biss li l-mejtin taw l-art lil Loreta.

Illi xehdet **Maria Galea** in kontro eżami[24] illi ukoll tgħid li hija tiftakar biss li l-mejtin taw l-art lil Loreta imma ma tafx eżatt b'liema titolu Loreta ħadet id-dar.

---

[18] Folio 414
[19] Folio 413
[20] Folio 417
[21] Folio 426
[22] Folio 434
[23] Folio 437
[24] Folio 440

Illi xehdet **Maria Xuereb** in kontro eżami[25] illi hija ma tafx kif tawha id-dar il-ġenituri ta' Loreta lil Loreta.

**Ikkunsidrat:**

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**:

Illi in suċċint l-atturi jissottomettu illi l-eċċezzjoni tal-konfuzjoni fit-talbiet ġiet sorvolata bil-korrezzjoni tad-digriet tas-6 ta' Mejju 2005[26]. Jipprezentaw man-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom id-denunzja ta' Lorenzo Xuereb. Fir-rigward ta' l-omm jissottomettu illi li fis-suċċessjoni tagħha kien hemm biss mobbli. In oltre jgħidu li għaddew l-għaxar snin mit-trasaferiment causa mortis relattiv. Jissottomettu li l-kawza Cit Nru 87.1999 ġiet deċiza anke fi stadu ta' appell. jissottomettu illi il-legat favur Filomena Buttigieg ġie ikkonfermat fl-intier tiegġu permezz tas-sentenza Cit Nru 87.1999. rigward il-valur li għandu jiġi attribwit għall-fini ta' kollazzjoni għandu l-eqredb id-data ta' kollazzjoni effettiva. Finalment jissottomettu li l-uniċi konsistenzi tal-wirt tal-ġenituri huma

a. Qabar fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem
b. Il-kollazzjoni li trid issir minn Loreta Azzopardi.

Illi l-konvenuta Loreta Azzopardi tissottometti li japplika l-artikolu 1817 u z-zewġ atturi Eugenia u Filomena huma t-tnejn legatarji u għalhekk ma jistgħux jitolbu t-tnaqqis ta' donazzjoni li hija kienet irċeviet fl-1965. Finalment , tissottometti li l-assi in divizjoni huma

a. Qabar
b. Boathouse

[25] Folio 442
[26] Fik 119

c. Mobbli – Xuereb House, Triq il-Gnien, Għajnsielem, Għawdex.
d. Flus
e. Deheb
f. Valur tal-art li fuqha hemm mibnija Lorjon, Triq Gnien, Għajnsielem.

Il-kuratur deputat – in suċċint - jissottometti illi illi l-uniku kwistjoni li fadal li għad trid tiġi deċiza hija l-valur li għandu jiġi attribwit lill-fond li ġie mogħti b'dota lil Loreta Azzopardi. Finalment jissottometti illi li l-beni in divizjoni li fadal jikkonsistu f'

a. Qabar
b. Flus kontanti – fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

Illi l-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** eċċeppew illi huma ma jopponux għad-divizjonijiet mitluba (ir-raba eċċezzjoni tagħhom). Imma fl-istess ħin jingħad illi jitqajmu ċertu punti fl-eċċezzjonijiet tagħhom, u li dwarhom din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** jingħad illi din ġiet sorvolata bid-digriet tas-6 ta' Mejju 2005[27].

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** jingħad illi fir-rigward tal-eredita ta' Lorenzo Xuereb, id-

[27] Folio 111

denunzja ġiet ippreżentata in atti – Folio 688 – filwaqt illi fir-rigward tal-eredita ta' Carmela Xuereb jingħad illi japplika l-artikolu 63 (4) tal-Kap 364.

Illi fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** jingħad illi Joseph Xuereb et vs Eugenia Buttigieg et noe (Ċitz. Numru 87/99) tinsab deċiża, anke fl-istadju tal-appell.

Illi fir-rigward tat-tmien eċċezzjoni tal-konvenuti **Joseph Xuereb u Maria Borg** jingħad illi l-legat favur Filomena Buttigieg ġie ikkonfermat fl-intier tiegħu (fil-kawza ċit nru 87/1999, ikkonfermata anke fl-istadju ta' Appell).

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet ta' Loreta mart Ganni Azzopardi jingħad fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni u ċioe illi dina ċ-ċitazzjoni hija nulla u dana peress illi l-istess m'hijiex kontro firmata mill-Maġistrat kif titlob il-liġi, huwa zgur li l-konvenuti ma setgħu sofrew ebda preġudizzju b'dan in-nuqqas tal-atturi, u għalhekk din il-Qorti mhix ser tannulla l-kawża għal din ir-raġuni, wara dawn is-snin kollha fejn il-konvenuti qatt iżjed ma reġgħu semmew din l-eċċezzjoni.

Illi inoltre jingħad illi l-konvenuta Loreta Azzopardi ressqet eċċezzjonijiet, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni taħt l-artt. 845,1823, 2140 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn diġà ġew miċħuda permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti illi irreteniet hekk: Għaldaqstant tiddeċidi dwar dawn l-eċċezzjonijiet ta' Loreta Azzopardi billi tiċħadhom, bl-ispejjeż relattivi jkunu a karigu tagħha. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat din is-sentenza tal-Ewwel Qorti u irreteniet hekk

f'paragrafu 17 *Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża*.

Finalment jonqos illi tiġi ikkonsidrata l-eċċezzjoni tal-konvenuta Loreta mart Ganni Azzopardi datata 13 ta' Settembru 2001[28], fis-sens illi skond l-artikolu 1817 tal-Kap 16 tal-Kap 16, id-donatarji, il-legatarji jew il-kredituri tal-mejjet ma jistgħux jitolbu tnaqqis tad-donazzjonijiet jew jieħdu ġid minnu. Din l-eċċezzjoni ukoll sejra tiġi miċħuda minn din il-Qorti stante illi bl-azzjoni odjerna l-atturi ċarament qegħdin jitolbu illi la darba l-konvenuta Loreta Azzopardi ma ġietx eżentata mill-obbligu tal-kollazzjoni tad-donazzjoni effettwata lilha, hija tenuta li tikkollazzjoni il-valur tal-immobbli donat lilha fil-massa ereditarja, u għalhekk l-imsemmi artikolu 1817 tal-Kap 16 tal-Kap 16 ma jsibx applikazzjoni fil-proċedimenti odjerni.

**Ikkunsidrat:**

**Konsistenza Tal-Assi Ereditarji.**

Il-partijiet jissottomettu illi l-assi ereditarji tal-konjugi Xuereb jikkonsistu fis-segwenti:

a. Qabar fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem
b. Il-kollazzjoni li trid issir minn Loreta Azzopardi.
c. Boathouse
d. Mobbli fil-fond Xuereb House, Triq il-Gnien, Għajnsielem, Għawdex.

[28] Folio 63

e. Flus
f. Deheb
g. Valur tal-art li fuqha hemm mibnija Lorjon, Triq Gnien, Għajnsielem.

Illi rigward il-valur li għandu jiġi kkollazzjonat minn Loreta Azzopardi tal-art mogħtija lilha b'dota, diġà ġie deċiż minn din il-Qorti hekk.

*Għaldaqstant tiddeċidi billi tiddikjara li għall-fini tal-kollazzjoni li trid issir tal-proprjeta' donata lill-konvenuta Loreta Azzopardi mill-ġenituri tagħha fl-okkazzjoni taż-żwieġ tagħha, għandu jiġi stabilit il-valur attwali ta' din il-proprjeta', bħala "l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-kollazzjoni", kif kienet tistipula l-liġi meta seħħew is-suċċessjonijiet li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni permezz ta' din il-kawża*[29].

Illi b'digriet tal-4 ta' Mejju 2001 il-Qorti ordnat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond bl-isem Lorjon, f'Garden Street, Għajnsielem. Il-perit għamel stima ta' dan il-fond fejn a folio 184 il-valur ta' dan il-fond fid-data tal-mewt ta' Carmela Xuereb, fl-1999, ġie stmat fis-somma ta' mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000).

Illi rigward iz-zewġt ikmamar tas-sodda antiki, u l-Bank tal-kċina qadim ma tressqu ebda prova tal-valur fir-rigward, kif kien jinkombu fuqhom illi jagħmlu. L-istess jingħad fir-rigward tal-moħriet, il-mutur tal-ilma u mutur ta' dgħajsa. Fir-rigward tal-flus għand l-arċipriet– din il-qorti tagħmel riferenza għal dokument li ġie ipprezentat a folio 107 ta' dawn l-atti, izda tgħid li dan id-dokument ma jippruvax

[29] Folio 10 tas-sentenza in parte datata 18 ta' Frar 2014.

suffiċjentament u għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti l-allegazzjoni tal-atturi li tħallew flus minn Carmela Xuereb.

Illi l-istess jinghad fir-rigward tal-flus u deheb li jinghad li seta' kien hemm fil-fond fejn kienu jirrisjedu d-decujus.

Rigwardanti il-*Boathouse* fix-Xatt l-Aħmar jingħad minn din il-Qorti illi ma tressqet l-ebda prova (konsistenti f xi kuntratti jew f'xi riċerki) li l-*boathouse* fix-Xatt l-Aħmar hija verament proprjetà tal-ġenituri tal-partijiet. Eugenia Buttigieg fl-affidavit tagħha tgħid li din il-*boathouse* kienet mibnija fuq art tal-gvern, u li l-ġenituri tagħha ma kienux iħallsu kera fuqha. Pero jiġi osservat illi hija tixhed ukoll li hija biss u weħedha kellha ċ-ċwievet tal-istess *boathouse*. Dan ma gie kontestat bl-ebda mod milll-konvenuti.

Illi jigi osservat illi ladarba din il-*boathouse* hija mibnija fuq art tal-gvern allura din ma tista' qatt tifforma parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Xuereb u konsegwentament din il-Qorti tqis illi ma tista tiddikjara xejn dwar l-istess boathouse.

Finalment rigward il-Qabar fiċ-ċimiterju ta' Għajnsielem, li jġib in-numru 3132D, jingħad illi dan għandu jibqa' komuni għall-partijiet fil-kawza odjerna.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-vertenza bejn il-partijiet billi:

Tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi b'dana illi:

(1) Rigwardanti l-*Boathouse* fix-Xatt l-Aħmar ghar-ragunijiet fuq spjegati din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-imsemmija *boathouse* ma tiffurmax parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Xuereb; u

(2) illi l-Qabar fiċ-ċimiterju ta' Għajnsielem, li jġib in-numru 3132D, għandu jibqa' proprjeta komuni bejn il-partijiet fil-kawza odjerna fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom; u

(3) illi l-konvenuta Loreta Azzopardi ghandha tikkollazzjona fl-assi ereditarji il-valur tad-donazzjoni tal-fond Lorjon, f'Garden Street, Għajnsielem kif stabbilit mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu fis-somma ta' mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000) li ghandhom jigu divizi bejn il-werrieta kollha fi kwoti ugwali bejniethom; u

(4) fir-rigward tad-disa talba taħtar lin-Nutar Dr. Maria Grima bhala Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att, liema kuntratt ghandu jigi ippubblikat mhux aktar tard minn tlett xhur minn meta din is-sentenza issir res judicata, liema pubblikazzjoni ghandha issir fil-jum u fil-hin u fil-lok li ghandu jigi stabbilit mill-istess Nutar Pubbliku u komunikati lill-partijiet kollha in kawza mhux aktar tard minn ghaxart'ijiem qabel l-istess data. In-Nutar hekk mahtura ghandha tipprezenta nota in atti b'tali appuntament u wara li tespleta dan l-inkarigu ghandha tipprezenta wkoll nota in atti dwar l-istess u dan mhux aktar tard minn xahar wara tali pubblikazzjoni. F'kaz illi n-Nutar mahtur tiltaqa' ma' xi tfixkil sabiex tespleta l-inkarigu taghha, hija ghandha tinforma b'dan lil din il-Qorti permezz ta' rikors appozitu sabiex din il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni. Ghal dan il-ghan il-Qorti qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex tinnotifika lin-Nutar hekk mahtur b'din is-sentenza sabiex jigi komunikat lilha dan l-inkarigu.

Fir-rigward tal-ispejjez, il-Qorti tordna li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kif gia decizi fid-diversi sentenzi li inghtaw fil-kors ta’ dawn il-proceduri mill-Qorti diversament preseduta u f’kaz tal-appelli li saru hekk kif deciz fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell li inghataw matul is-snin fil-kors ta’ dawn il-proceduri, b’dana illi fil-kazijiet fejn dik il-Qorti cahdet l-appell izda ma iddikjaratx dwar l-ispejjez, l-ispejjez ta’ tali appell ghandhom jigu mhallsa in toto mill-appellant jew appellanti skont il-kaz fi kwoti ugwali bejniethom, u fir-rigward ta’ din is-sentenza li qeghda tinghata llum din il-Qorti tqis illi l-ispejjez ghandhom jithallsu kif inhi l-prattika f’kawzi ta’ divizjoni u cioe fi kwoti ugwali bejn il-werrieta skont is-sehem rispettiv taghhom mill-imsemmija eredita.

Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta’ din is-sentenza ghandha tinghata lill-partijiet minnufih u titpogga immedjatament fis-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija illum 10 t’April 2025 fil-bini tal-Qorti, Ghawdex.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Margaret De Battista

Deputat Registratur